# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 37/20/1 MCH**

**Edgar Del Valle Yendez Gonzalez**

**v.**

**Avukat Generali**

1. L-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fit-18 ta' Marzu, 2021, li ddeċidiet hekk:

> *"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara li ġie miksur id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli protett fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *Tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' €2,500 bħala danni non-pekunjarji lir-rikorrent; u*

> *Tordna li Avukat Ġenerali sabiex mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza jagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni u jressaq l-att ta' akkuża fil-kawża fl-ismijiet il-Pulizija vs Edgar Del Valle Yendez Gonzalez fuq riferit u fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallas kumpens ulterjuri ta' €50 kuljum sakemm jinħareġ l-att ta' akkuża".*

2. Għal dawk li huma fatti, il-kawża titratta dwar il-kawża kriminali li kien hemm pendenti kontra r-rikorrent u tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Fil-31 ta' Lulju, 2015, l-attur kien tressaq il-qorti u akkużat b'assoċjazzjoni għall-bejgħ u traffikar ta' droga f'Malta; importazzjoni ta' kokaina f'Malta; pussess tad-droga kokaina; inkluż li ħarab mill-kustodja ta' persuna nkarigata minnu. F'dan il-każ iktar minn sitt snin wara li bdew il-proċeduri kriminali, kienu għadhom qegħdin isiru rinviji u l-Prosekuzzjoni tressaq il-provi. L-Avukat Ġenerali ried li jixhdu, fost' oħrajn, Analdo Andres Venghaus u Valerie Cerello. Kien fis-17 ta' Frar, 2020, li r-rikorrent ippreżenta din il-kawża fejn ilmenta minn nuqqas ta' smigħ xieraq u talab lill-Qorti sabiex:-

> *"............... joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li permezz tal-operat tal-Artikoli 401, 405 u 407 tal-Kodici Kriminali fil-proceduri tal-kumpilazzjoni Numru 604/2015 fl-ismijiet "il-Pulizija (Spetturi Jonathan Cassar u Herman Mula) kontra Edgar Del Valle Yendes Gonzalez" liema preceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, gie miksur id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli protett fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u konsegwentement tenut kont ukoll tal-provvedimenti ta-lArtikolu 13 tal-imsemmi Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali, tipprovdi dawk ir-rimedji effettivi u taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad- disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal- Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali".*

3. Il-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti biex tiddeċiedi bil-mod li ngħad hawn fuq, kienet is-segwenti:

> *"Minn ezami tal-verbali jirrizulta li ghal l-ewwel ftit seduti l-Prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda kif titlob il-ligi u nstemghu diversi xhieda f'kull seduta imbaghad wara dawn l-ewwel seduti, bdew isiru r-rinviji mill-Avukat Generali u kull darba l-Prosekuzzjoni ressqet biss wiehed u l-aktar tnejn kull seduta f'perjordu ta' circka erba snin meta fir-rinviji kien qed jintalab numru akbar ta' xhieda x'jigu prodotti. Fil-fatt saru hamsin rinviju f'perjodu ta' bejn 2015 u l-bidu tal-2020.*
>
> *Il-Qorti tirrileva li da parti tal-imputat ma kienx hemm tfixkil jew dilungar inutili hlief ghal xi differiment normali. Min-naha tal-Qorti s-seduti gew appuntati kwazi kull xahar jew xahrejn u da parti tal-Qorti d-differimenti kienu normali.*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti d-dewmien f'dana l-kaz kien fil-mod kif il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi taghha u n-numru kbir ta' rinviji u wara hames snin l-kumpilazzjoni ghadha ma nqaltix.*
>
> *L-intimat issottometta li huwa legittimu li jekk ghad fadal aktar provi x'jitressqu l-Avukat Generali, abbazi tal-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali jista' jitlob lil Qorti Istruttorja tisma u tigbor il-provi li jonqos. Jinsisti li x-xhieda ta' Analdo Venghuas u Valerie Cerello fost ohrajn hija necessarja billi dawn il-persuni kienu involuti direttament fir-reat li qed jigi akkuzat li wettaq ir-rikorrenti u cioe dak ta' assocjazzjoni u traffikar ta' droga.*
>
> *Ir-rikorrenti mhux qed jikkontesta d-dritt li l-Avukat Generali li jitlob u li jigbor l-provi li jkun jonqos biex il-process ikun komplut imma jsostni li l-ebda wiehed mix-xhieda rimanenti ma jista' jigi kklassifikat bhala xhud "gdid" billi dawn kienu maghrufin sewwa mill-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-proceduri u sahansitra sa anke minn qabel ma r-rikorrent tressaq taht arrest u gie akkuzat. Illi minkejja illi sa llum ghaddew iktar minn erba' (4) snin u sitt (6) xhur minn meta hu tressaq il-Qorti, il-proceduri tal-kumpilazzjoni ghadhom effettivament ma nghalqux, izda ghall-kuntrarju ghadhom ghaddejin b'mod interminabbli quddiem l-istess Qorti.*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti d-dewmien f'dan il-kaz ma kienx minhabba l-komplessita tal-kaz jew minhabba l-volum ta' xiehda, izda minhabba l-mod kif il-process tmexxa, li ma jhallix li process jibda u jintemm izda thalla jkarkar: il-gbir tax-xiehda saret bin-nifs, u s-seduti nhlew billi beda jinstema biss xhud wiehed ghal ftit minuti.*
>
> *Illi jirrizulta ukoll mill-provi li l-Avukat Generali qed jinsisti li jinstemghu zewg xhieda, Analdo Venghuas u Valerie Cerello, li wiehed minnhom ghandu proceduri kriminali pendenti kontra tieghu u 'l ohra ma tistax tigi*

*rintraccjata. Jidher li dawn iz-zewg xhieda qed izommu lill-Avukat Generali mill-jipprezenta l-att ta' akkuza. Dawn ix-xhieda ma jistghux jigu kklassifikati bhala xhieda godda jew li l-intimat ma kienx jaf bihom, billi dawn kienu maghrufin sewwa qabel mill-prosekuzzjoni u ilu zmien jipprova jipproducihom.*

*Ghalkemm it-talba tar-rikorrenti qed tkun indirizzata lejn il-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent minhabba d-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhieda tal-prosekuzzjoni b'rizultat li l-proceduri ma jistghux jintemmu, huwa inevitabbli li l-ksur lamentat irid jigi mistharreg ukoll u b'mod sew jekk jigi meqjus fl-isfond tal-proceduri kollha kompjuti s'issa jew ta' lanqas sal-mument meta tqanqal l-ilment relattiv.*

*Dejjem jinkombi fuq l-prosekuzzjoni l-oneru li tibqa' taghmel minn kollox biex tressaq ix-xhieda biex jixhdu fil-kumpilazzjoni u mhux thalli kollox pendenti u tkompli tikkontribwixxi ghad-dewmien fl-istess proceduri kriminali.*

*...........*

*Ghalhekk jekk, biex l-intimat jressaq l-att tal-akkuza, jehtieglu illi jinghalaq il-gbir tax-xiehda, mela ghandu jsir dak kollu mehtieg biex il-gbir tax-xiehda jinghalaq fi zmien ragonevoli u dan manifestament ma sarx f'dan il-kaz. Id-dewmien fil-gbir tax-xiehda ma jiggustifikax id-dewmien biex jitressaq l-att tal-akkuza. Il-problema tad-dewmien huwa wiehed sistematiku u mhux xi haga li laqtet biss lil dan il-kaz partikolari. Minkejja l-hafna kazi ta' dewmien li dwarhom inghatat kundanna minn dawn il-qrati, il-problema baqghet ma gietx indirizzata.*

*Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li zmien ta' kwazi hames snin biex imqar jinhareg l-att ta' akkuza huwa zmien twil wisq li ma jistax jitqies bhala zmien ragonevoli, aktar u aktar fil-kuntest ta' proceduri kriminali bhal ma huma dan il-kaz.*

***Rimedju***

*Ir-rikorrenti talab li dina l-Qorti tipprovdi dawk ir-rimedji effettivi u taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali.*

*Il-Qorti tirrileva li l-proceduri penali kontra r-rikorrent ghadhom ma nghalqux, u jonqos aktar zmien biex jintemmu. Ghal dan id-dewmien il-Qorti se takkorda s-somma ta' €2,500 bhala kumpens non-pekunarju. Dan l-ammont qed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li "a lesser amount of compensation is apparently acceptable if the redress offered also has an accelerating effect on proceedings" (**Scordina vs Italy** 29/3/2006).*

*Il-Qorti tirrileva li l-proceduri penali kontra r-rikorrent ghadhom ma nqatghux, u ghad fadlilhom aktar zmien biex jintemmu. Il-kumpens ghal dewmien li dwaru l-Qorti se taghti kumpens mhux kumpens ghal dewmien biex finalment jintemmu l-proceduri izda d-dewmien biex jinhareg l-att ta' akkuza. Bhala rimedju l-Qorti se taghti wkoll terminu li fih l-intimat ghandu jaghlaq il-proceduri u ghalhekk il-kumpens se jiehdu in konsiderazzjoni anke dan il-fatt, ghax kif gie deciz fil-kaz* ***Scordina vs Italy*** *(29/03/2006) "a lesser amount of compensation is apparently acceptable if the redress offered also has an accelerating effect on proceedings".*

*Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi qed tillikwida l-ammont ta' €2,500 bhala kumpens non-pekunarju li ghandu jithallas lir-rikorrent".*

4. Fil-5 ta' April, 2021, l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza bl-aggravju jkun li għad fadallu provi xi jressaq fil-kumpilazzjoni, li huma Valerie Cerello u Andres Venghaus. Żied li hu biss wara li jingħalaq il-ġbir tal-provi li jinħareġ l-att tal-akkuża. L-appellant isostni li:

*"Wieħed irid japprezza li l-prosekuzzjoni hija tenuta tipprova l-każ tagħha sal-grad taċ-ċertezza morali – mingħajr dubju dettat mir-raġuni u għalhekk l-Avukat Ġenerali m'għandux jiġi impost fuqu li joħrog l-att tal-akkuża fil-konfront tal-appellat, meta huwa evidenti li fadal provi oħra li jirdu jinġabru fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Għalhekk l-esponent jissottometti umilment li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta ordnat li l-Avukat Ġenerali għandu jagħlaq il-provi u joħroġ l-att tal-akkuża meta jaf li hemm provi importanti li għadhom ma nġabrux speċjalment ix-xhieda ta' Andrew Venghaus li skont il-prosekuzzjoni kien involut flimkien mal-appellat f'dan it-traffikar internazzjonali ta' droga. L-Avukat Ġenerali għandu l-obbligu li jaċċerta ruħu li jinġabru l-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat qabel ma jipproċedi bl-att tal-akkuża u għalhekk id-deċiżjoni appellata tmur kontra dan il-prinċipju".*

5. B'nota preżentata fis-26 ta' Awwissu, 2021, id-difensur tal-appellat iddikjara li l-klijent tiegħu kien miet. Żied li l-eredi tiegħu għad għandhom interess għall-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti. Il-mewt tal-appellat wassal sabiex il-proċeduri kriminali ġew eżawriti. B'nota oħra ppreżentata fl-4 ta' Ottubru, 2021, Dr. Kevin Dingli li kien qiegħed jassisti

lill-appellat iddikjara li l-werrieta huma żewġt itfal minorenni tal-appellat li jissemmew fl-istess att.

6. Wara digriet mogħti mill-Qorti fid-9 ta' Settembru, 2021, b'nota ppreżentata fit-28 ta' Settembru, 2021, l-appellant Avukat Ġenerali iddikjara li qiegħed jirtira l-appell b'dan li ddikjara wkoll li *"Il-partijiet għandhom jibqgħu bl-ispejjeż tagħhom"*. Min-naħa tiegħu d-difensur tal-attur ma ddikjarax li kien hemm qbil li kull parti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha. Sabiex tiddeċiedi dwar dan il-kap il-Qorti ser ikollha tikkunsidra l-meritu tal-appell.

7. Għalkemm baqgħet ma saritx il-proċedura ta' leġittimazzjoni tal-atti, b'applikazzjoni tal-Art. 810B tal-Kap.12 il-Qorti ser tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż.

8. Sallum il-liġi ordinarja f'Malta ma tippermettix li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja timponi terminu li fih il-prosekuzzjoni għandha tagħlaq l-istadju tal-kumpilazzjoni u tipproċedi biex toħroġ l-att ta' akkuża. Mill-kostatazzjonijiet ta' fatt li saru mill-ewwel Qorti dwar il-proċeduri ta' kumpilazzjoni, ma saret l-ebda kontestazzjoni. L-ewwel Qorti tat rendikont dettaljat dwar x'sar fis-seduti kollha li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Wieħed irid jiftakar li l-kumpilazzjoni waħedha ilha issa pendenti sitt (6) snin u l-att ta' akkuża

għadu ma nħariġx. Il-verbali stess tas-seduti varji li saru juru kemm sar bil-mod il-ġbir tal-provi tal-prosekuzzjoni, b'ħafna mis-seduti jinstema' xhud jew tnejn. Seduti oħrajn fejn ma sar assolutament xejn. Ma jistax imbagħad l-Avukat Ġenerali jargumenta li għandu jedd li jressaq l-aħjar provi. Il-prosekuzzjoni m'għandha l-ebda jedd tkaxkar saqajha bl-iskuża li għandha dmir li tressaq l-aħjar prova.

9. Wara s-sentenza tal-ewwel Qorti jirriżulta mill-atti tal-proċeduri ta' kumpilazzjoni li:

i. Fit-2 ta' Frar, 2021, ma sar xejn għalkemm kien imħarrek l-espert Joseph Mallia, u l-prosekuzzjoni lanqas biss kellha riferta tax-xhud.

ii. Fl-24 ta' Marzu, 2021, ma sar xejn minħabba direttiva li kien ħareġ il-Prim'Imħallef għat-teħid ta' prekawzjonijiet kontra t-tixrid tal-Covid-19.

iii. Fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2021, il-pulizija infurmaw lill-Qorti li x-xhud Valerie Cerello ma tistax tinstab. Inoltre, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx meħtieġ li jitkompla l-inkarigu li l-Qorti kienet tat lill-espert Joseph Mallia. Għalhekk il-Qorti ħassret l-inkarigu tal-espert nominat għall-finijiet ta' impronti diġitali. Tajjeb wieħed isemmi li Joseph Mallia kien inkarigat bħala espert fis-seduta tas-

26 ta' April, 2018, u l-prosekuzzjoni damet iktar minn tliet snin biex iddikjarat li ma kienx iktar meħtieġ li jsir paragun ta' impronti diġitali u għalhekk jista' jitħassar l-inkarigu mogħti lil Mallia. Dan fih innifsu hu wkoll prova ta' ħela ta' ħin min-naħa tal-prosekuzzjoni.

iv. Fis-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2021, deher Analdo Andres Venghaus u l-Qorti ffissat seduta għat-28 ta' Lulju, 2021, sabiex jinstema' x-xhud;

v. Fis-seduta tat-28 ta' Lulju, 2021, xehed Analdo Andres Venghaus li l-każ tiegħu ġie deċiż fit-23 ta' Frar, 2021, (**Il-Pulizija v. Analdo Andres Venghaus** numru 610/2015). Każ li bħal dak tar-rikorrent kien ilu pendenti sa mis-sena 2015 u li fih Venghaus kien akkużat li assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta, sabiex ibiegħ jew jittraffika l-kokaina f'Malta. Dakinhar il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq u l-atti tal-proċeduri kriminali ntbgħatu lura lill-Avukat Ġenerali.

10. Li hu rilevanti hu li mis-sentenza tal-istess Venghaus jirriżulta li kien xehed fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2020, (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) u dakinhar ta l-verżjoni tal-fatti kif jafhom hu u sarlu wkoll kontro-eżami. Peress li Venghaus kien xehed fil-każ li kien hemm kontrih fil-21 ta' Ottubru, 2020,

il-Qorti diffiċli tara li f'dak l-istadju kien għad hemm ostakolu sabiex jixhed ukoll fil-każ tar-rikorrent. F'dan ir-rigward ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni, wara d-deposizzjoni li Venghaus ta fil-każ tiegħu, ħarrkitu sabiex jixhed fil-każ tar-rikorrent. Anzi fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2020, l-ispettur Jonathan Cassar xehed li ma ressaqx lil Venghaus bħala xhud għaliex il-każ tiegħu kien għadu pendenti, meta nafu li sa dakinhar Venghaus kien diġa' xehed fil-każ ta' kontrih. Ċirkostanza li iktar u iktar issaħħaħ ir-raġunament tal-ewwel Qorti dwar dewmien żejjed fil-kumpilazzjoni **il-Pulizija v. Edgar Del Valle Yendez Gonzalez**.

11. L-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li jressaq il-provi u li joħroġ l-att ta' akkuża kontra l-imputat. Kumpilazzjoni hi parti mill-proċess kriminali, u għandha ssir fi żmien raġonevoli bħall-kumplament tal-proċess. Il-fatt li l-Avukat Ġenerali għandu dmir iressaq l-aħjar provi, ma jfissirx li jista' jtawwal il-proċess kriminali kemm irid. F'dan il-każ il-ġbir tal-provi twal iżżejjed u għalhekk kien hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Hu fatt magħruf li fl-istadju tal-kumpilazzjoni ħafna mid-dewmien ikun dovut għal mod kif il-prosekuzzjoni tressaq il-provi.

12. Għal dak li jirrigwarda x-xhud Cerello jirriżulta li l-prosekuzzjoni ma setgħetx issibha. Diffikulta` li kienet ilha pendenti żmien twil (ara per eżempju verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2019, li fih jingħad li x-xhud ma setgħetx tinstab). Meta tqis iż-żmien li għadda, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li kien hemm ġustifikazzjoni sabiex il-proċeduri jitwalu.

13. Ovvjament f'dan il-każ inzerta li ġranet wara li ngħatat is-sentenza appellata (18 ta' Marzu, 2021), il-Prim' Imħallef ħareġ direttiva biex isiru biss seduti ta' każijiet urġenti u dan bħala prekawzjoni minħabba li f'Malta ġiet reġistrata żieda fil-każijiet tal-Covid-19. Kien mit-3 ta' Mejju, 2021, li reġgħu bdew isiru seduti b'mod kontrollat, u fil-fatt fil-5 ta' Mejju, 2021, saret seduta. Ovvjament f'dak l-*interim period* li kien hemm id-direttiva tal-Prim' Imħallef il-prosekuzzjoni ma kellhiex kontroll għad-dewmien. Ċirkostanza li kienet ser twassal sabiex it-tliet xhur li stabbiliet l-ewwel Qorti jibdew jiddekorru mill-5 ta' Mejju, 2021, data tas-seduta li fiha reġa' beda jsir xi ħaġa wara li reġgħu bdew isiru seduti fil-Qorti u jkun għalqu fil-5 ta' Awwissu, 2021. Pero` dak il-fatt ma kienx ser iwassal sabiex jinbidel xi ħaġa fis-sostanza tas-sentenza tal-ewwel Qorti għajr li t-tliet xhur li ffissat l-ewwel Qorti jibdew jgħoddu mit-3 ta' Mejju, 2021, u mhux mid-data tal-ewwel sentenza. Ċirkostanza li m'għandhiex twassal li l-Avukat Ġenerali jingħata raġun dwar il-kap tal-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi li l-ispejjeż ġudizzjarji huma kollha a karigu tal-Avukat Ġenerali.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da